Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9948 — Allianz/GE/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 402/06)

1. Fis-16 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Pacific Investment Management Company LLC ("PIMCO", l-Istati Uniti tal-Amerka), li finalment hija kkontrollata minn Allianz SE (il-Ġermanja),

— GE US Equity Holdings Inc. u GE Capital Aviation Services Limited (flimkien mal-affiljati applikabbli tagħhom "GECAS", l-Istati Uniti tal-Amerka), li finalment hija kkontrollata minn General Electric Company (l-Istati Uniti tal-Amerka).

PIMCO u GECAS jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (il-joint venture, "JV").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PIMCO: ditta tal-ġestjoni tal-portafoll li tiġġestixxi l-assi għall-banek ċentrali, il-fondi sovrani, il-fondi tal-pensjonijiet, il-korporazzjonijiet, il-fondazzjonijiet u d-dotazzjonijiet u l-investituri individwali madwar id-dinja,

— GECAS: attiva fil-forniment ta' firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi ta' finanzjament fir-rigward ta' dawn l-assi, inklużi kirjiet operattivi, xiri/leasebacks, swieq kapitali, u ġestjoni tal-partijiet tal-ajruplani,

— il-JV: l-akkwist, il-kiri u l-bejgħ ta' ajruplani f'livell dinji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9948 — Allianz/GE/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.